MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' April, 2009

Numru. 90/2009

Il-Pulizija
(Sp Graziella Muscat)
vs
Ishmael Ellul, iben Armando, imwieled Pieta' fl-20 ta' Mejju, 1987

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'Settembru, 2008 u fix-xhur ta' qabel, fiż-Żurrieq u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, u cioe' –
1. għall-qliegħ jew għat-tqassim, jew għall-wiri f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku mmanifattura, stampa jew xort'oħra għamel, jew daħħal f'Malta jew akkwista, żamm, iċċirkola jew esporta xi stampat, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika

jew oxxena jew xi oġġett ieħor, ikun li jkun, pornografiku jew oxen, kemm jekk kien jixbaħ lil dawn ta’ hawn fuq kemm jekk le.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ April, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta’ l-imputat bil-ġurament.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 18 u 208 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena.  Illi l-imputat ammetta fl-ewwel udjenza ta’ din il-kawża, ikkolabora mal-pulizija, għandu fedina penali netta u jaħdem bi profit.  Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.  Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-DvDs u tal-‘hard disk’ li ġew eżebiti fl-atti ta’ din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------